MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 43/2002/1

Kawza fil-lista: 36

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-partijiet C u A B zzewwgu fit-tletin (30) ta' Gunju 1970 mil-liema zwieg huma ghandhom tifel wiehed maggjorenni li jismu D;

Billi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment kagun tal-konvenut minhabba adulterju, sevizzi, ingurji gravi u nuqqas ta' manteniment;

U billi l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili  biex tipprocedi b' din il-kawza ghas-separazzjoni u dan kif jidher mill-anness dokument A;

Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi m' ghandhux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti li:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet a htija tal-konvenut kif fuq inghad;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-fuq imsemmi tifel taghhom D ir-retta alimentarja xierqa u adegwata;
4. Tapplika interament jew in parti id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 55 tal-Kodici Civili u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;

5. Tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma nofs kull wiehed bejn il-partijiet;

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici il-beni kollha dotali u parafernali taghha;

8. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dan l-att;

9. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza;

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-eccepjenti jixtieq reverentement jissottometti li purche' hu ta' ruhu b'notifikat ghac-citazzjoni attrici

purche’ qatt ma rceva d-dokument tac-citazzjoni fl-udjenza ta’ nhar it-Tlieta, hdax ta’ Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002), fid-disgha u kwart ta’ fil-ghodu (9.15 a.m.), u minkejja l-weghda tal-attrici u l-konsulent legali taghha Dr. Mark Attard Montalto li dawn kellhom jivversaw kopja tal-istess citazzjoni biex il-konvenut ikun jista’ jaghmel l-eccezzjonijiet tieghu odjerni, din il-kopja tac-citazzjoni baqghet qatt ma waslet la f’idejn il-konvenut u wisq u wisq inqas f’idejn il-konsulent legali tieghu, u kwindi kien biss ir-rispett li l-konvenut ghandu lejn din l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta, fejn tramite l-konsulent legali tieghu Dr. Emmy D. Bezzina sar sforz biex ikunu jistghu jsiru din in-nota tal-eccezzjonijiet odjerna u l-Kontro-Talba li hawn mehmuza mac-citazzjoni u din in-nota tal-eccezzjonijiet;

2. Illi formalment din il-kawza giet intavolata nhar is-sbatax ta’ Jannar, tas-sena elfejn u tnejn (17.01.2002), u biex juri kemm jixtieq jikkopera l-konvenut huwa ta’ ruhu b’notifikat bic-citazzjoni f’jum it-Tlieta, hdax ta’ Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002), fid-disgha u kwart ta’ fil-ghodu (9.15 a.m.) minkejja li ma kellux f’idejh kopja tad-dokument tac-citazzjoni odjerna u dan kif indikat fl-ewwel eccezzjoni, u fejn dwar dan il-fatt qed tingibed l-attenzzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti ghal *buona fede* tal-konvenut odjern;

3. Illi fir-rigward tal-ewwel premessa, huwa minnu li C u A B inghaqdu fiz-zwieg nhar it-tletin ta’ Gunju, tal-elf disa’ mija u sebghin (30.06.1970), pero’ mhux minnu li kellhom tifel wiehed. Billi fil-fatt kellhom zewgt titfal u cioe’ D li twieled nhar il-wiehed u tletin ta’ Mejju, tal-elf disa’ mija tnejn u sebghin (31.05.1972) u llum ghandu tletin (30) sena, u Wayne li twieled ghaxar snin wara u cioe’ fl-elf disa’ mija tnejn u tmenin (1982), pero’ li miet sentejn u xahrejn biss wara li twieled minhabba ncident domestiku, kif jigi mfisser fil-mori ta’ din il-kawza;

4. Illi ma huwa minnu xejn it-tieni premessa attrici billi ghad illi huwa veru li dan iz-zwieg illum tkisser irremedjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, il-kagun tat-tkissir tieghu kienet proprju l-mewt ta' Wayne sentejn u xahrejn wara li dan kien twieled u li t-trawma tal-mewt tieghu f'incident domestiku tista' tghid fil-presenza tal-istess genituri tieghu wassal ghal dizorjentament fiziku u psikologiku shih fejn il-kontendenti konjugi B li fil-fatt beda t-triq li waslet ghat-tkissir irremedjabbli minghajr l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet, u dan kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

5. Illi fir-rigward tal-attrici, din tahdem billi tilqa' studenti barranin fir-residenza taghha gewwa San Giljan, u mid-dhul li jhallulha dawn l-istudenti barranin, l-attrici taqla' l-ghixien taghha, u kwindi ma huwa minnu xejn li n-nuqqas ta' manteniment wassal ghat-tkissir irremedjabbli minghajr tama ta' rikonciljazzjoni ta' dan iz-zwieg odjern !

6. Illi l-eccepjenti qed jivvantagja ruhu mill-awtorizzazzjoni ghal-prosegwiment tal-proceduri ghall-firda legali li l-attrici ottjeniet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, biex huwa stess apparti minn dawn l-eccezzjonijiet li huwa qieghed jintavola, huwa qed jipprezenta wkoll il-kontro-talba tieghu ghat-talbiet attrici, u dan biex jissalvagwardja kwalsiasi nteress fil-fatt u fid-dritt li l-istess konvenut jista' jkollu;

7. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tintlaqa' biss minhabba htija da parti tal-attrici u dan kif jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

8. Illi l-kontendenti konjugi B diga' ilhom jghixu mhux taht l-istess saqaf ghal dawn l-ahhar tnax il-xahar, u kwindi diga' l-partijiet kontendenti qed jghixu separatament, u allura l-konvenut jeccepixxi li ghandu jigi awtorizzat kemm huwa kif ukoll l-attrici biex jghixu mifrudin minn xulxin bhala legalment separati minghajr vjolazzjoni tal-obbligi li hemm pendenti bejn il-konjugi fosthom dik tal-koabitazzjoni;

9. Illi l-konvenut jahdem bhala Security Officer ghalissa, u m'ghandux mnejn jivversa retta alimentari ghall-attrici li kapaci tahdem u effettivament tircevi fir-residenza taghha f'San Giljan, bi qliegh, studenti barranin li jigu fil-gzejjer maltin halli jitghallmu l-Ingliz. Kwindi, ma hemm l-ebda fondazzjoni fattwali u legali ghala l-konjugi B reciprokament ghandhom jivversaw xi forma ta' retta alimentari wiehed lil ohra u vici versa;

10. Illi kwantu ghat-tielet talba attrici, D B llum ghandu tletin (30) sena, huwa twil metru u tlieta u disghin centimetru, m'ghandu ebda dizabilita' fizika jew psikologika, u ma hemm l-ebda bazi legali u fatwali ghala b'xi mod xi hadd jista' jikkoncepixxi li dan "it-tifel" ghandu jinghatalu xi forma ta' manteniment !

11. Illi l-artikoli 48 u 55 tal-Kodici Civili m'ghandhomx japplikaw ghall-konvenut, imma ghandhom japplikaw ghall-attrici li kienet hi li abbandunat id-dar konjugali, abbandunat lill konvenut u ghuriet bic-car li ma kienetx aktar interessata fiz-zwieg mal-konvenut skond l-obbligi legali li hi kellha versu lejh. Kwindi r-raba' talba attrici ghandha tkun applikata favur il-konvenut u kontra l-attrici;

12. Illi l-konvenut jaqbel li ghandha tigi likwidata u dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'mod illi din ghandha tirrispekja proporzjonalment il-hidma ta' kull naha, fis-sens illi minn hadem u applika ruhu ghal-htigijiet matrimonjali tal-familja B ghandu jiehu dik il-porzjon xieraq mill-komunjoni tal-akkwisti fil-konfront tal-parti l-ohra u dana skond kif anke tezigi l-istess ligi, partikolarment il-Kodici Civili;

13. Illi l-hames talba attrici m'ghandiex tintlaqa' fis-sens illi ghad illi tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dawn m'ghandhomx jigu maqsuma nofs kull wiehed bejn il-partijiet u dan ghar-ragunijiet ndikati fl-

eccezzjoni precedenti u fid-dawl tax-xhieda li jivversa l-konvenut u f'xhieda tieghu fil-mori ta' din il-kawza;

14. Illi s-sitt talba attrici m'ghandiex tintlaqa' billi l-attrici ma gabet maghha l-ebda beni dotali jew parafernali taghha fiz-zwieg, lanqas il-hwejjeg intimi ta' taht ma kienu taghha personalment qabel iz-zwieg, billi dawn kellu jara kif ifornihomla l-konvenut fil-mument propiz. Illi ghaldaqstant, is-sitt talba attrici ghandha tigi michuda *in toto*;

15. Illi l-attrici tidher li ma tafx tghodd billi wara t-talba numru sitta (6) rregistrat it-talba numru tmienja (8), u qabzet barra t-talba numru sebgha (7), u kwindi fir-rigward tas-seba' talba ma hemm xejn x'jinghad ghax ma hemm xejn, u fir-rigward tat-tmien talba jista' jkun li l-attrici proprju kellha f'rasha illi l-konvenut jigi mhajjar jibqa' kontumaci (wahda mir-ragunijiet ghala l-konvenut biddel il-konsulent legali li kellu qabel Dr. Bezzina), u kwindi issa ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut bi hsiebu li jikkontesta din il-kawza anke billi jressaq il-kontro-talba tieghu, u kwindi din it-tmien talba zgur mhux ser tkun applikabbli fic-cirkostanzi;

16. Illi d-disa' talba attrici m'ghandiex tigi milqugha ghajr illi l-attrici stess ghandha tigi kkundannata thallas l-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji ta' din il-kawza, stante li kienet hija illi abbandunat id-dar konjugali, abbandunat lil zewgha, abbandunat l-obbligi matrimonjali taghha, u minkejja diversi talbiet da parti tal-konvenut biex fic-cirkostanzi jaslu ghal separazzjoni bonarja, ir-risposta minghajr ma kienet twegiba da parti tal-attrici kienet meta l-konvenut sar jaf li l-attrici ntavolat il-kawza odjerna; kwindi l-ispejjez kollha li kemm l-attrici u kif ukoll il-konvenut qeghdin jigu kostretti li jonfqu, dawn ghandhom jigu kollha a karigu tal-istess attrici;

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenjonanti li permezz taghha dan ippremetta u talab hekk:

1. Premess illi l-konvenut sar jaf bic-citazzjoni ntavolata kontra tieghu mill-mara tieghu A B, liema citazzjoni giet intavolata nhar is-sbatax ta' Jannar, tas-sena elfejn u tnejn (17.01.2002), u kif osservat ben tajjeb din l-Onorabbli Qorti minkejja l-fatt li l-konvenut prezenti fl-Awla nhar it-Tlieta, hdax ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002), flimkien ma l-avukat tal-fiducja l-gdid tieghu Dr. Emmy D. Bezzina, minkejja l-fatt li l-konvenut la kellu fil-pussess tieghu la c-citazzjoni u lanqas l-avviz tas-smiegh tal-kawza, huwa biex jikkopera ma dina l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta ta' ruhu b'notifikat.

2. Premess illi Dr. Mark Attartd Montalto li deher ghall-attrici A B kien ipprometta fl-udjenza ta' nhar it-tlieta, hdax ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002) li huwa kellu jforni kopja tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza lil Dr Emmy D. Bezzina, fatt illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tkun taf li sa jum il-Gimgha, tmienja u ghoxrin ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (28.06.2002) meta l-konvenut ha l-gurament tieghu ghad-dikjarazzjoni guramentata man-nota ta' l-eccezzjonijiet u ghad-dikjarazzjoni guramentata mal- kontro-talbiet tieghu, il-konvenut xorta wahda baqa' qatt ma rceva, la hu u lanqas l-avukat difensur tieghu Dr. Emmy D. Bezzina il-kopja tac-citazzjoni odjerna.

3. Premess illi dina l-istess Onorabbli Qorti kienet sprovista mill-process f'jum it-Tlieta, hdax ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnejn (11.06.2002), imma l-konvenut biex jonora l-weghda li ta' lil dina l-Onorabbli Qorti, fittex minn hawn u fittex minn hemm irnexxilu jara c-citazzjoni numru 43/02 li giet pprezentata fis-zbatax ta' Jannar, tas-sena elfejn u tnejn (17.01.2002), minghajr pero' ma sab l-ebda koperazzjoni fuq dan l-aspett la mill-attrici u lanqas mill-avukat difensur taghha.

4. Premess illi din il-kawza hija differita' biex jinstab il-process, u ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici ghall-erbatax ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnejn

(14.11.2002), pero' fil-frattemp il-konvenut xorta wahda sejjer jibda jhejji l-affidavit tieghu.

5. Premess illi l-kontendenti konjugi B kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-Parocca tas-Sacre Cuor gewwa tas-Sliema nhar it-Tlieta, tletin ta' Gunju, tas-sena elf disa' mija u sebghin (30.06.1970), u ghaldaqstant fil-mument tal-intavolar tan-nota tal-eccezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenut, il-konjugi kontendenti B sejrin ikunu ghalqu tnejn u tletin (32) sena legalment mizzewgin, pero' illi minn dawn ghamlu l-ahhar snin relattivament f'relazzjonijiet bierda fl-estrem u tul l-ahhar sena l-istess attrici abbandunat id-dar konjugali gewwa Pembroke u marret tghix ghal rasha f'residenza li nxtrat minn flus tal-komunjoni gewwa San Giljan.

6. Premess illi kopja awtentika tal-Att taz-Zwieg numru 984/1970 hija hawn elenkata ma l-elenku tad-dokumenti u ndikata bhala dokument JG1.

7. Premess illi mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom il-konjugi kontendenti B kellhom zewgt itfal, l-ewwel iben twieled gewwa l-Blue Sisters Hospital fil-maternity wing gewwa tas-Sliema, proprju gewwa San Giljan biex inkunu precizi, u dan sehh nhar il-wiehed u tletin ta' Mejju, tas-sena elf disgha mija tnejn u sebghin (31.05.1972), li semmewh D-C Antoine, Edwin, u ismijiet ohra pero' li skond l-Att tat-Twelied tieghu li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 2396/14 ta' Gunju, 1972, it-tifel ghandu jkun maghruf bl-isem ta' D C, tifel li wiehed jirringrazja dejjem lil Madonna tas-Sacre Cuore illum huwa twil metru punt tmienja disgha centimetri, pero' xorta wahda ghadu ndikat bhala t-tifel u ghal A B jidher li f'mohha dan baqa' minorenni almenu jekk wiehed iqies it-talbiet taghha f'din ic-citazzjoni odjerna.

8. Premess illi dan ic-certifikat tat-twelied ta' D C qed jigi hawn indikat bhala dokument JG2, li huwa kopja vera u awtentikata tal-estratt tat-twelied tat-tifel magorreni billi llum ghandu tletin (30) sena.

9. Premess illi l-kontendenti konjugi B kellhom it-tieni tifel li semmewh Wayne Justin u dan twieled nhar il-Gimgha, sittax ta' Settembru, tas-sena elf disgha mija tlieta u tmenin (16.09.1983), pero' li sfortunament dan it-tifel li n-numru tar-Registrazzjoni tat-twelied tieghu huwa 4917/1983 (kopja ufficjali tac-certifikat tat-twelied qed tigi hawn annessa ma l-elnku tad-dokumenti bhala dokument JG3), miet effettivament b'incident domestiku meta kellu sentejn u tlett xhur u ghal xi raguni li wiehed jista' jifhem pero' li ma jaqbilx maghha, l-attrici ghazlet li tinjora ghal-kollox li darba huma kellhom it-tieni tifel li purche' mejjet xorta twieled u ghaldaqstant b'deferenza u gustizzja anke lejn il-memorja ta' Wayne Justin din il-Qorti ghandha tigi maghrfha b'dan it-tifel li miet ta' sentejn u tlett xhur b'incident domestiku.

10. Premess illi huwa rilevanti hafna illi l-mewt ta' dan it-tifel Wayne Justin halla effetti negattivi hafna fuq il-psikologija tal-konjugi kontendenti B, u ghad illi mhux l-unika raguni kif ghad jigi mfisser fil-mori ta' din il-kawza, certament kien wahda mir-ragunijiet ghala dan iz-zwieg biz-zmien tkisser irremedjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

11. Premess illi kif din l-Onorabbli Qorti facilment tinnota, il-konvenut qatt da parti tieghu ma inizja l-proceduri ghall-firda legali quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u dan ghaliex huwa kellu t-tama illi effettivament ghad xi darba jirrikoncilja fil-veru sens tal-kelma ma l-attrici, imma da parti taghha l-attrici dejjem zieded fil-bruda taghha, ivjolat l-artikolu 40 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tghid fil-parti shiha tieghu, b'mod illi dan iz-zwieg illum tkisser ukoll irremedjabilment minghajr l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni, anke minhabba nkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti konjugi B, u ghaldaqstant l-attrici vjolat ukoll l-artikolu 41 tal-Kodici Civili billi abbandunat id-dar konjugali u fic-cirkostanzi ma kien hemm l-ebda triq ohra ghajr illi l-konvenut gja' la darba sar jaf li l-mara tieghu kienet intavolat

l-kawza odjerna purche' li huwa qatt ma gie fizikament notifikat bl-att proceswali imma xorta wahda ta' ruhu b'notifikat biex jiffacilita' l-proceduri kif qed tfassalhom din l-Onorabbli Qorti, llum hassu kostrett li a bazi ta' artikolu 37 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa mhux biss jaghmel in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu imma anke jaghmel il-kontro-talba odjerna, b'indikazzjoni cara lil din l-Onorabbli Qorti li a bazi tal-politika li qed tigi addottata minn dina l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta, huwa sejjer fi stadju ulterjuri jipprezenta l-affidavit tieghu stess u ta' diversi xhieda ohra apparti milli jsejjah xi xhieda biex jiddeponu quddiem Assistent Gudizzjarju jew Perit Legali jew quddiem din l-istess Qorti ezatt kif joghgobha dina l-Onorabbli Qorti.

12. Premess illi effettivament il-konvenut li llum qieghed jghix fid-dar konjugali, u ilu hekk jghix ghal rasu u jiehu hsieb tieghu nnifsu ghal aktar minn sena, filwaqt li l-attrici marret tghix ghal rasha f'residenza li nxtrat minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti u dana skond kuntratti u dokumenti li ghad jigu ezebiti fil-mument opportun quddiem dina l-Onorabbli Qorti, imma biex dan l-istat proceswali ma jkunx wiehed ta' certu voluminozita, allura l-konvenut qed jillimita lilu nnifsu ghal-fatti purament essenzjali kif tixtieq dina l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju ta' din ic-citazzjoni odjerna.

13. Premess illi ghalhekk fic-cirkostanzi l-konvenut llum ra li ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li lanqas jintlahaq arrangament ghal separazzjoni bonarja, u dan mhux b'nuqqas tieghu, imma minkejja li ghamel sforz biex il-konjugi kontendenti B almenu jaslu ghal separazzjoni bonarja u ma joqghodux jaghmlu din il-kwantita' ta' spejjez zejda fil-Qorti, ir-risposta tal-attrici kienet li kiesah u biered u minghajr avviz jew indikazzjoni ta' x'kienet ser taghmel, din qabdet u ntavolat din ic-citazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti u dana kif facilment jirrizulta mill-att processwali.

14. Premess dan kollu, tghid l-attrici f'din il-kontro-talba ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tevalwa, tifli, taqta', tiddecidi u tordna illi:

**Talbiet**

**a.** Illi din il-firda legali ghandha ssehh fir-rigward taz-zwieg illi sehh fil-Parocca tas-Sacre Cuor gewwa tas-Sliema nhar it-Tlieta, tletin ta' Gunju, tal-elf disa' mija u sebghin (30.06.1970), bejn il-kontendenti attwali l-attrici A nee' Bonello u C B, u dan anke a bazi tad-dokument li gie ezebit bhala dokument JG1 u dokumentazzjoni ohra li tigi ntavolata fil-mori ta' din il-kawza;

**b.** Stante li wiehed mit-tfal tal-kontendenti konjugi B miet ta' sentejn u tlett xhur, u t-tifel l-iehor ghandu aktar minn tletin (30) sena, ma hemm l-ebda kwistjoni li hemm xi punti ta' kura u kustodja jew retta alimentari li tista' titqies li b'xi mod hija dovuta lil D-C li twieled nhar il-wiehed u tletin ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija tnejn u sebghin (31.05.1972), a kuntrarju ta' kif ippretendiet legalment eronjament l-attrici fil-ftit talbiet li ghamlet;

**c.** Ghandha tigi kkonfermata l-firda legali ta' bejn il-kontendenti konjugi B b'mod illi s-sentenza li din l-Onorabbli Qorti taghti, jispicca formalment ghall-effetti kollha civili bejn il-kontendenti konjugi B l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien a bazi ta' artikolu 35 tal-Kapitolu 16, u naturalment ifisser li kull parti tkun tista' tghix il-hajja civili u kummercjali taghha minghajr ebda indhil jew htiega ta' awtorizzazzjoni jew xi permessi da parti ta' naha lill ohra u vici versa;

**d.** Dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment b'tort unikament tal-attrici u a bazi ta' artikolu 40 tal-Kodici Civili u anke artikolu 41 tal-istess Kodici Civili skond il-provi li jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza;

**e.** Stante li l-attrici kapaci li tahdem kif jigi facilment ippruvat fil-mori ta' din il-kawza, m'ghandu

jkun hemm ebda retta alimentari dovuta lill-istess attrici la *pendente lite* u lanqas meta din il-kawza tinqata' definittivament b'sentenza li tghaddi *res judicata*;

**f.** Fic-cirkostanzi la l-attrici m'ghandha tkun obbligata li tmantni lil konvenut u lanqas il-konvenut m'ghandu jkun obbligat li b'xi mod imantni lil attrici, *considerando* fic-cirkostanzi li ma hemm l-ebda tfal minuri jew dizabilitati li huma nvoluti mir-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti konjugi B;

**g.** Il-Qorti ghandha tikkonferma illi stante l-abbandun da parti tal-attrici, id-dar konjugali li qeghdha sitwata fl-indirizz numru 37, Alfredo Mifsud Street, f'Pembroke, St. Andrews limiti ta' San Giljan, din ghandha tigi assenjata *in toto* lill konvenut C B b'dawk il-provedimenti opportuni li din l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xieraq li taghti u tordna, inkluz il-hatra ta' periti teknici jew legali a skopijiet ta' valutazzjoni jekk din il-Qorti jidhrilha li jkun il-kaz fic-cirkostanzi;

**h.** L-attrici ghandha formalment tinghata r-residenza li purche' li nxtrat mill-flus tal-komunjoni tal-akkwisti, hija qed toqghod fiha fl-indirizz Flat 2, Dibrell Flats, Triq il-Klarissi, gewwa San Giljan, u dana b'dawk il-provedimenti li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha li taghti f'din ic-cirkostanza, inkluz il-valutazzjoni li ssemmiet fit-talba precedenti;

**i.** Minghajr pregudizzju ghal dak kollu li ghad rid jinghad fil-korp ta' dan il-process, id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici A B hija effettivament nulla u nvalida billi ma hijiex in konformi mar-rikjesti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12, tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba fl-ewwel lok li hemm inazettezzi dwar fatti importanti, u li fit-tieni lok ma hemmx fatti dikjarati li jissostanzjaw iz-zewg paragrafi l-ohra minn tlieta li hemm fid-dikjarazzjoni tal-fatti kif guramentati mill-attrici A B li ghandha n-numru tal-Karta ta' l-Identita' 576147 (M) fis-zbatax ta' Jannar, tas-sena elfejn u tnejn (17.01.2002);

**j.** Ghandu jkun applikat l-effetti ta’ artikolu 48, sub-artikolu (1) u sub-artikolu (2), u l-paragrafi li hemm indikati tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana peress li l-attrici abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni tajba u fl-istess hin l-Qorti ghandha tevalwa mhux biss il-jeddijiet msemmija fl-artikolu 48 sija sub-artikolu 1 paragrafu (a) u (b), imma tevalwa bis-shih il-paragrafu (c) tas-sub-artikolu 1 tal-artikolu 48 u dana taht dawk il-provedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi;

**k.** Fir-rigward ta’ paragrafu (d) tas-sub-artikolu 1 tal-artikolu 48, il-konvenut ghandu jkun mehlus ghal kollox f’kull kaz li jivversa xi forma ta’ manteniment lill-attrici A B bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg u dana ghar-ragunijiet li jirrizultaw lil Qorti fil-mori ta’ din il-kawza odjerna u anke a bazi tal-kontenut ta’ dan id-dokument odjern;

**l.** Illi ghandu jkun applikat fid-diskrezzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti s-sub-artikolu 2 tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 kif ukoll fl-istess vena l-artikoli 51, 52 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta;

**m.** Ghandu jkun applikat favur il-konvenut li qed jaghmel din il-kontro-talba u kontra l-attrici l-effetti kollha tla-artikolu 54 tal-Kodici Civili minn sub-artikolu 1 sa sub-artikolu 7, b’mod illi din l-Onorabbli Qorti taghti dawk il-provedimenti li fic-cirkostanzi jkun jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna wara li tevalwa c-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz odjern;

**n.** A bazi ta’ artikolu 55 tal-Kodici Civili, ghandha tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti, li ghandha tinqasam mhux ugwalment bejn il-partijiet imma proporzjonalment ghal hidma ta’ kull naha fis-sehem biex arrekit ruhha l-komunjoni tal-akkwisti u dan meta tqies li l-attrici ma gabet maghha ebda proprjeta’ li hija parafernali jew ebda oggetti li huma dotali ghajr ghal affarijiet zghar li huma insinifikanti a skopijiet ta’

evalwazzjoni ta’ kwalsiasi pretenzjoni li jista’ jkollha l-attrici;

**o.** Ghandu jkun applikat favur il-konvenut l-artikolu 55 (a) tal-Kodici Civili fir-rigward tad-dar konjugali gewwa Pembroke fejn baqa’ jirrizjedi l-konvenut C B, filwaqt illi l-attrici A B ghandha tigi ordnata tallontana ruhha definittivament mid-dar konjugali f’Pembroke minghajr l-ebda awtorizazzjoni t’access ghal din id-dar konjugali billi din issa diga’ stabbilit ghal- aktar minn sena r-residenza gdida taghha fi Triq il-Klarissi gewwa San Giljan, u dana taht dawk il-provedimenti kollha opportuni li din il-Qorti jista’ jidhrilha xieraq u gust illi tordna;

**p.** Il-konjugi kontendenti B ghandhom jitilfu d-dritt li jirtu lil xuxlxin a bazi tas- sub-artikolu 3, tal-artikolu 60 tal-Kodici Civili, b’mod illi jekk sar kwalsiasi testment sia’ pubbliku jew sigriet bejniethom waqt li kienu ghandhom mizzewgin, dan ghandu jigi awtomatikament meqjus bhala revokat u kull naha tkun tista’ tirregola x-xewqat taghha bhala testatur jew testatrici b’atti separati illi jsiru wara li tigi pronunzjata il-firda legali bejniethom, dana taht kull provediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li tordna fic-cirkostanzi;

**q.** A bazi tas- sub-artikoli 2 tal-artikolu 62 tal-Kodici Civili, il-konvenut irid li l-attrici martu tigi projbita milli tkompli tuza kunjomu wara l-firda legali, u li din ghandha tirriverti ruhha ghal kunjom xbubita li kien BONELLO, minhabba li l-uzu tal-kunjom B jista’ jkun ta’ pregudizzju gravi fl-interessi tar-ragel il-konvenut li qed jaghmel dawn il-kontro-talbiet;

**r.** L-Qorti ghandha tapplika fid-diskrezzjoni taghha b’ordni espressa l-effetti tal-artikolu 62 (a) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta biex jigu protetti l-interessi ta’ terzi persuni skond il-ligi;

**s.** Ghandu jkun applikat safejn applikabbli l-artikolu 66 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**t.** L-konvenut m'ghandu jbati ebda forma ta' spejjez la gudizzjarji u lanqas extra gudizzjarji stante illi t-tifrik irremedjabbli ta' dan iz-zwieg kien b'tort uniku tal-istess attrici apparti mill-fatt illi l-konvenut pprova li huma jaslu ghal separazzjoni bonarja biex jevitaw li joqghodu jidhlu fi spejjez inutili, imma l-attrici webset rasha u habta u sabta qabdet u ntavolat ic-citazzjoni odjerna fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti;

**u.** Ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti kollha opportuni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna f'kull fazi ta' din ic-citazzjoni a bazi tat-talbiet tal-konvenut f'din il-kontro-talba kif hawn fuq suesposti.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-attrici li tigi minn issa ngunta in subizzjoni.

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill konvenut permezz ta' din il-kontro-talba tieghu odjerna kontra l-attrici ghal-kwalsiasi forma ta' danni li l-konvenut seta' sofra meta dawn facilment setghu gew evitati.

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata li tinsab esebita a fol.220 tal-process li permezz taghha, wara li ssollevat eccezzjoni ta' natura proceduralі, cahdet il-fatti allegati fil-kontro talba tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli unikament lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li jaqbel li z-zwieg tkisser irremedjabilment, jopponi ghat-talbiet attrici, u fil-kontro talba tieghu isostni li dan huwa tort unikament ta’ l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ dak kontemplat fl-artikoli 40 u 41 tal-imsemmi Kap.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fit-30 ta’ Gunju 1970 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt-it tfal D u Wayne, li twieldu rispettivament fis-7 ta’ Gunju 1972 u fis-16 ta’ Settembru 1983. Illi l-ewwel wiehed illum huwa maggjorenni filwaqt li t-tieni wiehed miet b’ disgrazjia meta kien ghad kellu circa sentejn u nofs. Illi apparti mit-tragedja li ssubiet il-koppja bil-mewt tragiku tat-tieni wild, jirrizulta li D eventwalment kellu problema serja tad-droga. Barra minnhekk jirrizulta wkoll li meta l-attrici kienet l-isptar hija kienet giet infettata bil-Hepitaitis C.

Illi matul il-konvivenza matrimonjali l-partijiet kellhom diversi kwistjonijiet li eventwalment ipprecipitaw billi f’ Gunju 2001 l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret tghix ghar-rasha fl-appartament taghhom gewwa San Giljan li huma kienu xtraw fit-28 ta’ Gunju 2001.  Sadanittant D, flimkien mat-tfajla tieghu baqghu joqghodu fid-dar konjugali mal-konvenut; izda meta l-konvenut dahhal jghix mieghu fid-dar konjugali lit-tfajla tieghu, identifikata b’ isimha [AB], it-tifel D beda jhossu skomdu jibqa’ jabita’ ma’ missieru, u ghalhekk mar jghix ghar-rasu u eventwalment mar jghix ma’ ommu l-attrici fil-post ta’ San Giljan. F’ Dicembru 2001 l-attrici, li kienet tattendi l-prayer groups u ghaqda ta’ persuni bl-istess problemi taghha, iltaqet ma’ ragel, identifikat b’ ismu [RY] u dahlet f’ relazzjoni mieghu.

Illi l-versjoni attrici hija fis-sens li matul il-hajja matrimonjali hi kienet tissubixxi minn naha tal-konvenut vjolenza morali, konsistenti f' theddid u ghajjat, u anke okkazjonalment vjolenza fisika, kemm fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront ta' binha. Hija ssostni li l-konvenut kien infidil lejha u kellu "stejjer amoruzi" ma' diversi nisa. L-attrici tghid li eventwalment ma felhitx tghix aktar ma' zewgha, u anke peress li kien qed ikollha ugigh ta' rasijiet qawwija konsegwenzjali, hija marret tghix ghar-rasha fil-flat ta' San Giljan fejn ghadha toqghod sallum ma' binha D.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jichad li kien infidil lejn martu u li kien jesercita vjolenza morali jew fisika fuqha. Huwa jghid li martu ma kienitx tapprezza li hu kien jahdem hafna, u li kellha rasha iebsa u qatt ma kienet kapaci tikkomunika minhabba l-karattru supperv taghha. Huwa jakkuza lil martu li kienet infidila lejh u li hu kien ilu jaf li l-attrici kienet 'tiffrekwenta irgiel ohra sa meta kienet ghada d-dar'. [Fol.144]. Huwa jsostni l-htija ta' martu ghas-separazzjoni ta' bejniethom dovuta ghall-fatturi kontemplati fl-artikolu 40, kif ukoll ghall-abbandun, fit-termini ta' l-artikolu 41, tad-dar konjugali da parti taghha.

Illi din il-Qorti wara ezami rett tal-provi u debita riflessjoni, hija tal-fehma li ghandha tghati affidament lill-versjoni attrici fis-sens li z-zwieg bejn il-konjugi kisser irremedjabbilment primarjament u principalment minhabba l-komportament abusiv da parti tal-konvenut fil-konfront taghha, u senjatament l-atteggjament tieghu ma' nisa ohra, li eventwalment wassal lil martu sabiex titlaq mid-dar konjugali, u ftit xhur wara, dahlet tikkonvivi mal-konvenut it-tfajla tieghu AB li, kif ammess minnu stess, kien ilu jafha minn April 2001. Mill-provi jirrizulta li jumejn wara li l-attrici telqet mid-dar, il-habiba tal-konvenut kienet intlemhet mit-tfajla ta' D fil-basement tad-dar konjugali. Sussegwentement dina dahlet tikkonvivi mal-konvenut u dawn kien ikollhom rapporti sesswali bejniethom, liema fatt kien jghati fastidju lill-bin il-konvenut, bir-rizultat li dana telaq mid-dar u mar jghix ma' ommu.

Illi in tema legali jigi osservat li skond gurisprudenza kostanti gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta' tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista' jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat. "Ghal prova ta' l-adulterju ma hemmx bzonn it-testimonjanza de visu jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt" *[Edwards vs Edwards]*

L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f' min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu *[PA Rita Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964]*

Fil-kaz in disamina jirrizulta car li jezistu fatti gravi, precizi u konkordanti li jintegraw, jiffortifikaw u jassodaw l-imputazzjoni attrici ta' adulterju da parti tal-konvenut: adulterju li sar u ghadu jsir fid-dar konjugali. Il-Qorti hija sodisfatta li r-relazzjoni li kellu l-konvenut mat-tfajla tieghu kienet tirrisali ghal qabel is-separazzjoni.

In propositu hija relevanti, ghall-finijiet ta' kredibilita', l-osservazzjoni li, filwaqt li fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li huwa kien iltaqa' mat-tfajla tieghu [AB] f' April tas-sena 2001 [fol.143], fil-kontro ezami tieghu jghid hekk: 'Nixtieq nghid illi wara li l-attrici telqet mid-dar, sirt naf b' certu AB u li llum il-gurnata ahna nghixu fl-istess dar.' [fol.433]. Mill-provi rrizulta assodat li l-attrici kienet telqet mid-dar f' Gunju 2001.

Illi minn naha tieghu l-konvneut jakkuza lill-attrici b' infedelta' matul il-hajja konjugali. In propositu l-Qorti tosserva li din l-akkuza ma ssibx sostenn fil-provi; filwaqt li thoss opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi ma ngabet ebda prova li l-attrici kellha xi relazzjoni matul il-konvivenza matrimonjali mal-konvenut. Di fatti mill-provi jirrizulta li l-attrici saret taf lil RY xhur wara li kienet telqet mid-dar konjugali;

[2] Illi, nonostante l-isforzi kollha da parti tal-konvenut sabiex jittanta jipprova li tezisti relazzjoni adultera bejn martu u dan RY, il-provi juru li bejniethom kien hemm biss relazzjoni ta' hbiberija partikolari u zejda; a kuntrarju tal-konvenut li fil-konfront tieghu jirrizulta pacifiku li dana jghix fi stat ta' konkubinagg mat-tfajla tieghu li kif ammess minnu stess kien sar jafha meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien;

[4] Illi l-hbiberja bejn l-attrici u RY nibtet wara s-separazzjoni de facto, u jirrizulta b' mod car li dina ma kienitx il-kawza principali tas-separazzjoni, izda kienet il-konsegwenza tas-separazzjoni personali ta' bejniethom li ghaliha jahti primarjament il-konvenut bil-komportament abusiv tieghu fil-konfront ta' l-attrici. Di fatti mill-provi jirrizulta li l-attrici saret taf lil RY f' Dicembru 2001 meta l-partijiet kienu diga' sseparaw de facto u wara li l-konvenut kien diga' dahhal jghix mieghu lit-tfajla tieghu li skond ma hu ammess mill-istess tfajla stess, dahhlet f' Novembru 2001 [fol.208 u 207];

[5] Illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet 'AB vs RY' deciza fit-18 ta' Novembru 2004, hija *res inter alios acta* fil-konfront attrici li ma kienitx parti fil-kawza, u lanqas xehdet f' dawk il-proceduri[1] [ara verbal udjenza 18 ta' Jannar 2007] u dan b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 237 tal-Kap.12

Illi fil-konfront tal-konvenut jirrizultaw provati s-sevizzi u l-ingurji gravi kommessi minnu fil-konfront ta' martu, konsistenti anke fl-imgieba tieghu ma' studenti nisa barranin. Dan il-komportament ripetut u esercitat fil-presenza ta' l-attrici kien iwegga l-qalb u jirrendi difficli l-konvivenza bejn il-koppja. L-attrici tghid li hija kienet

[1] Filwaqt li mis-sentenza jirrizulta li C B, il-konvenut f' din il-kawza, kien xehed f' din il-kawza; filwaqt li l-attrici ma tressqitx bhala xhud.

tissaporti dak kollu bi sforz li ssalva z-zwieg taghhom, unikament fl-interess ta' binhom D. Izda eventwalment ma setghetx tissaporti aktar u ghalhekk marret tghix ghar-rasha.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jakkuza lill-attrici bl-ingurja gravi. Il-Qorti tirrileva in propositu li relazzjoni ta' hbiberija partikolari u kostanti li konjugi matul iz-zwieg ikollu ma' terza persuna, bhal dik li ghandha l-attrici ma' RY, tikkwalifika bhala offiza gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 stante li twegga' l-qalb u s-sentimenti tal-konjugi l-iehor u tghati lok ghas-separazzjoni personali.

In propositu l-Qorti tosserva li, ix-xhieda ta' mart RY valutatata u kunsidrata wkoll fl-isfond tar-ritratti esebiti, huma elementi ta' prova jwasslu logikament, fuq bazi ta' verosimiljanza u probabilita' qawwija, li r-relazzjoni ta' bejn l-attrici u RY, ghalkemm mill-provi ma tirrizultax li kienet wahda adultera, ma kienitx wahda purament platonika ; u ghalhekk il-Qorti tikkunsidra opportun l-applikazzjoni fil-konfront ta' l-attrici ta' l-artikolu 52 b' referenza ghall-arikolu 48[1][a][b] u [d] li jikkontemplaw id-dekadenza mid-dritt taghha tal-menteniment, u l-applikazzjoni ta' l-artikolu 25 li jikkontempla r-refuzjoni tal-manteniment mhallas pendente lite gjaladarba t-talba taghha ghal manteniment qeda tigi michuda.

Illi rigward l-akkuza li l-attrici abbandunat id-dar konjugali fit-termini ta' l-artikolu 41 tal-kap 16, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal premess, tikkonsideraha bhala nfondata, stante li l-attrici kellha raguni valida ghaliex titlaq minn hemm u tmur tghix ghar-rasha, u certament mhix il-kawza tas-separazzjoni bejnha u bejn zewgha l-konvenut li ma ddejjaqx li, <u>ftit taz-zmien</u> wara, jdahhal tikkonvivi mieghu lit-tfajla tieghu. Apparti minnhekk jonqos ir-rekwizit taz-zmien, stante li filwaqt li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali f' Gunju 2001, il-proceduri ghas-separazzjoni personali gew inizjati fis-7 ta' Awissu 2001[fol.13].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li jirrizulta car u manifest li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u li kagun ta' dan huwa prinicpalment il-

konvenut bil-komportament abusiv tieghu fil-konfront ta' l-attrici, konsistenti f' adulterju, sevizzi u offizi gravi fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; minn naha taghha tirrizulta fil-konfront ta' l-attrici l-offiza gravi li kkontribwiet sekondarjament ghat-tkissier taz-zwieg.

**Manteniment**
Illi permezz ta' digriet mghoti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla Civili fis-7 ta' Awissu 2001 il-konvenut kien gie ordnat jivversa lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' Lm100 fix-xahar.

Illi tenut kont li fil-mori tal-proceduri l-attrici kkommettiet offiza gravi fil-konfront tal-konvenut, konsistenti fir-relazzjoni taghha ma' RY, it-talba taghha ghal manteniment ghaliha ghandha tigi michuda, u inoltre, ghandha tirrifondi l-manteniment kollu ricevut minnha mill-1 ta' Dicembru 2001 li huwa z-zmien li fih l-attrici bdiet ir-relazzjoni extra matrimonjali.

Rigward it-talba ghall-manteniment ta' D, stante li dana huwa maggjorenni, it-talba attrici ma tistax tintlaqa' f' dawn il-proceduri.

**Komunjoni ta' l-Akkwsiti**
In propositu l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta' l-abbli perit legali, reportati fil-paragrafi 156 sa 165 inkluzi, [fols.655 sa 658] u taddottahom fl-intier taghhom.

Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsistu f' zewg proprjetajiet immobbiljari:

[1]id-dar matrimonjali sitwata f' numru 37 Triq Monsinjur Alfredo Mifsud Pembroke li l-valur taghha gie konkordat bejn il-partijiet fl-ammont ta' Lm78,000;

[2] l-appartament fil-blokk bl-isem 'Dibrell Flats' Flat 2 Triq il-Klarissi San Giljan bil-valur, ukoll konkordat, ta' Lm28,500;

[3] Vettura Land Rover, bil-karru, numru ta’ registrazzjoni DAA-271 tal-valur ta’ Lm4,000;

[4] il-mobbli indikati fid-dokument MG3 esebit a fol.240 tal-process u li qedin fid-dar konjugali;

**Assenjazzjoni**
Fic-cirkostanzi hija gusta u ekwa s-segwenti assenjazzjoni ta’ l-assi tal-komunjoni:

Illi l-attrici tigi assenjata l-appartament Dibrell Flats, flat 2 Triq il-Klarissi San Giljan fejn qed tabita fil-prezenti;

Illi d-dar konjugali numru 37 Triq Monsinjur Alfredo Mifsud f’ Pembroke tinbiegh fuq is-suq liberu fi zmien sena, wara liema perijodu ghandha tinbiegh bis-subbasta sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor, u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti wgwali, wara li tinqatghu minnu [a] is-somma ta’ Lm14,250 li ghandha tigi konsenjata lill-konvenut bhala sehemu mill-appartament ta’ San Giljan, u [b] is-somma ta’ Lm2,000 li ghandha tigi konsenjata lill-attrici bhala sehemha mill-Land Rover.

Illi l-vettura Land Rover DAA-271 u l-karru qed jigu assenjati lill-konvenut.

Illi l-oggetti mobbli elenkati fid-Dok.MG3 ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet ugwalment; u f’ kaz ta’ nuqqas ta’ qbil f’ dan ir-rigward, il-Qorti minn issa qed tinnomina lill-istimatur Peter Bonello sabiex jivvalutahom u jaghmel pjan ta’ qasma f’ zewg porzjonijiet, li ghandhom jigu assenjati lill-partijiet bix-xorti; u dan kollu a spejjez taz-zewg partijiet.

Illi rigward il-kontijiet bankarji, kull parti ghandha zzomm dawk il-flejjes u kontijiet li jinsabu fuq ismiha.

**Proprjeta’ parafernali**
In propositu l-Qorti taghmel referenza ghal, u taddotta fl-intier tieghu, il-kontenut tal-paragrafu 164 u 165 tar-relazzjoni tal-perit legali, u tosserva li dawn l-assi diga’ jinsabu fir-residenza ta’ l-attrici.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talba attrici billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija prinicpalment tal-konvenut; u in subsidium ta' l-attrici;

[2] tilqa' it-tieni talba u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha l-konvenut;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' r-raba talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-Artikolu 48 fl-intier tieghu;

[5] tilqa' l-hames talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq indikat mis-17 ta' Jannar 2002;

[6] tilqa' s-sitt talba fit-termini ta' l-assenjazzjoni fuq delineata taht l-intestatura 'Komunjoni ta' l-Akkwisti – Assenjazzjoni';

[4] tichad it-tmien talba ghar-raguni indikata mill-perit legali;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:
Fl-ewwel lok, tichad l-ewwel eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-attrici fl-eccezzjonijiet taghha, ghall-istess ragunijiet moghtija mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-paragrafi 123 u 124 a fol.643 tal-process.
Fit-tieni lok, tiddecidi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, kif fuq indikat;

[2] tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut m' ghandu jghati ebda tip ta' retta alimentari lill-attrici;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante li din il-Qorti diga' pronunzjat ruhha fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti, ix-xoljiment taghha u l-assenjazzjoni ta' l-assi;

[4] tilqa ir-raba talba fis-sens li tapplikat fil-konfront ta' l-attrici d-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] b' referenza ghall-artikolu 52 tal-Kap.16; u inoltre tordna li l-attrici tirrifondi lill-konvenut il-manteniment kollu mhallas lilha mill-1 ta' Jannar 2002, inkluz l-imghaxijiet legali;

[5] tichad il-hames talba in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-artikoli 55 u 55A tal-Kap.16;

[6] tichad is-sitt talba ghall-istess ragunijiet moghtija mill-perit legali fil-paragrafu 176 tar-relazzjoni tieghu;

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba talba ghall-istess raguni mghotija mill-perit legali fil-paragrafu 177 tar-relazzjoni tieghu;

[8] tichad it-tmien talba;

[9] tichad id-disa' talba;

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-kontro talba, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut in kwantu ghal zewg terzi [2/3], u mill-attrici in kwantu ghar-rimanenti terz [1/3].

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------